



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Jannar 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0014(NLE)

5430/22
ADD 1

PECHE 11

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 23 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 23 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2022) 23 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2022
COM(2022) 23 final

ANNEX

ANNESS

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius

ANNEX

Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius, li jiskadi fis-7 ta' Diċembru 2021

Ittra mill-Unjoni Ewropea

Għeżież Sinjuri,

Bi pjaċir nikkonfermalkom li l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius jaqblu mal-arranġamenti proviżorji li ġejjin għall-estensjoni tal-Protokoll li attwalment huwa fis-seħħ (mit-8 ta' Diċembru 2017 sas-7 ta' Diċembru 2021), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll", li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius, sa ma jitlestew in-negozjati dwar it-tiġdid tal-Protokoll.

Għalhekk, l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius qablu dwar dan li ġej:

- (1) Mill-1 ta' Jannar 2022, jew kwalunkwe data oħra sussegwenti mal-iffirmar ta' dan l-Iskambju ta' Ittri, l-arranġamenti fis-seħħ matul l-aħħar sena tal-Protokoll għandhom jiġġeddu bl-istess kundizzjonijiet sakemm Protokoll ġdid jiġi miftiehem u jsir applikabbli, iżda għal perjodu massimu ta' sitt xhur.
- (2) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-bastimenti li jkollhom aċċess għall-ilmijiet ta' Mauritius skont dan il-Ftehim ta' estensjoni għandha tikkorrispondi għal nofs l-ammont annwali previst fl-Artikolu 4(2)(a) tal-Protokoll, u b'hekk tammonta għal EUR 110 000, ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 2000 tunnellata. Dan il-ħlas għandu jsir f'pagament wieħed sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' Skambju ta' Ittri. L-Artikolu 4(5) u (6) ta' dan il-Protokoll għandu japplika *mutatis mutandis*.
- (3) Skont dan il-Ftehim ta' estensjoni, l-appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd ta' Mauritius għandu jammonta għal EUR 110 000 u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika marittima u tal-ekonomija tal-oċeani għandu jammonta għal EUR 67 500. Il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd għandu japprova l-ipprogrammar għal dan l-ammont skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan l-Iskambju ta' Ittri. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ settorjali għandha titħallas f'pagament wieħed abbażi tal-programmazzjoni maqbula.
- (4) F'każ li n-negozjati biex jiġġedded il-Protokoll iwasslu biex il-Protokoll il-ġdid jiġi ffirmat u sussegwentement biex jiġi applikat (b'mod provviżorju) qabel jiskadi l-perjodu ta' sitt xhur previst fil-punt (1) hawn fuq, il-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmi fil-punti (2) u (3) hawn fuq għandu jitnaqqas *pro rata temporis*. L-ammont li jikkorrispondi għat-tnaqqis applikabbli, li diġà tħallas, għandu jitnaqqas mill-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja dovuta skont il-Protokoll il-ġdid.
- (5) Matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim ta' estensjoni, l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jinħarġu skont il-Kapitolu II tal-Anness tal-Protokoll. Il-ħlas tat-tariffa minn qabel għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz għandu jikkorrispondi għal nofs it-tariffi stabbiliti fil-punt (3), is-sottopunt 3, (a) sa (c) tal-Kapitolu II tal-Anness għall-aħħar sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll, u jikkorrispondi għal nofs il-kwantitajiet

rispettivi ta' tonn u speċijiet li jixbhu lit-tonn imsemmija fil-punt (3), is-sottopunt 3, (a) sa (c). It-tariffa tal-liċenzja applikabbli għall-bastimenti tal-provvista għandha tikkorrispondi għal nofs it-tariffa prevista fil-punt (4) tal-Kapitolu II tal-Anness, u konsegwentement għandha tammonta għal EUR 2 000.

- (6) L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġa skont dan il-Ftehim ta' estensjoni għandhom jibqgħu validi sa tmiem ta' durata ta' din l-estensjoni.
- (7) Fir-rigward tar-rappurtar tal-qabdiet stabbiliti fil-Kapitolu III tal-Anness tal-Protokoll, l-Unjoni għandha tipprovdi lil Mauritius, qabel tmiem kull trimestru, id-*data* dwar il-qabdiet għal kull bastiment tal-Unjoni awtorizzat; Mauritius għandu jipprovdi, fuq bażi trimestrali, id-*data* dwar il-qabdiet tal-bastimenti tal-Unjoni awtorizzati miksuba permezz tal-ġurnali ta' abbord.
- (8) Għal kull tartarun tal-borża u konz tal-wiċċ, l-Unjoni għandha tibgħat dikjarazzjoni finali tat-tariffi dovuti mill-bastiment fir-rigward tal-attivitàjiet tas-sajd tiegħu matul il-perjodu ta' estensjoni lil Mauritius u lil sid il-bastiment rispettiv sa mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' estensjoni. Meta l-ammont fid-dikjarazzjoni finali jkun akbar mit-tariffa tal-ħlas minn qabel imsemmija fil-punt (5), sid il-bastiment għandu jħallas il-bilanċ pendenti, sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jirċievi d-dikjarazzjoni finali. Kwalunkwe ammont imħallas għat-tariffa tal-ħlas minn qabel li jaqbeż id-dikjarazzjoni finali ma għandux jiġi rimborżat. Fir-rigward tat-tfassil, il-proċedura li għandha tiġi segwita minn Mauritius mal-wasla u l-kontestazzjoni tad-dikjarazzjoni finali, il-punt (5) tal-Kapitolu III għandu japplika *mutatis mutandis*.
- (9) Fir-rigward tal-imbarkazzjoni tal-baħrin kif previst fil-Kapitolu VII tal-Anness tal-Protokoll, matul l-attivitàjiet tagħhom fl-ilmijiet ta' Mauritius, sitt baħrin ikkwalifikati minn Mauritius għandhom jimbarkaw fuq il-flotta tal-Unjoni.
- (10) Dan l-Iskambju ta' Ittri se japplika b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2022 jew kwalunkwe data oħra sussegwenti mal-iffirmar sa ma jidħol fis-seħħ. Huwa għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan.

Nitlobkom ġentilment tikkonfermaw li rċevejtu din l-ittra u li tikkonfermaw li r-Repubblika ta' Mauritius taqbel mat-termini tagħha.

Dejjem tiegħek,

Għall-Unjoni Ewropea

Ittra mir-Repubblika ta' Mauritius

Għeżież Sinjuri,

Għandi l-unur nikkonfermalkom li rċevejt l-ittra tagħkom tal-lum li tgħid dan li ġej:

“Għeżież Sinjuri,

Bi pjaċir nikkonfermalkom li l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius jaqblu mal-arranġamenti provviżorji li ġejjin għall-estensjoni tal-Protokoll li attwalment huwa fis-seħħ (mit-8 ta' Diċembru 2017 sas-7 ta' Diċembru 2021), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Protokoll”, li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-

Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius, sa ma jitlestew in-negozjati dwar it-tiġdid tal-Protokoll.

Għalhekk, l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius qablu dwar dan li ġej:

- (1) Mill-1 ta' Jannar 2022, jew kwalunkwe data oħra sussegwenti mal-iffirmar ta' dan l-Iskambju ta' Ittri, l-arranġamenti fis-seħħ matul l-aħħar sena tal-Protokoll għandhom jiġġeddu bl-istess kundizzjonijiet sakemm Protokoll ġdid jiġi miftiehem u jsir applikabbli, iżda għal perjodu massimu ta' sitt xhur.
- (2) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-bastimenti li jkollhom aċċess għall-ilmijiet ta' Mauritius skont dan il-Ftehim ta' estensjoni għandha tikkorrispondi għal nofs l-ammont annwali previst fl-Artikolu 4(2)(a) tal-Protokoll, u b'hekk tammonta għal EUR 110 000, ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 2000 tunnellata. Dan il-ħlas għandu jsir f'pagament wieħed sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' Skambju ta' Ittri. L-Artikolu 4(5) u (6) ta' dan il-Protokoll għandu japplika *mutatis mutandis*.
- (3) Skont dan il-Ftehim ta' estensjoni, l-appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd ta' Mauritius għandu jammonta għal EUR 110 000 u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika marittima u tal-ekonomija tal-oċeani għandu jammonta għal EUR 67 500. Il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd għandu japprova l-ipprogrammar għal dan l-ammont skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan l-Iskambju ta' Ittri. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ settorjali għandha titħallas f'pagament wieħed abbażi tal-programmazzjoni maqbula.
- (4) F'każ li n-negozjati biex jiġġedded il-Protokoll iwasslu biex il-Protokoll il-ġdid jiġi ffirmat u sussegwentement biex jiġi applikat (b'mod provviżorju) qabel jiskadi l-perjodu ta' sitt xhur previst fil-punt (1) hawn fuq, il-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmi fil-punti (2) u (3) hawn fuq għandu jitnaqqas *pro rata temporis*. L-ammont li jikkorrispondi għat-tnaqqis applikabbli, li diġà tħallas, għandu jitnaqqas mill-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja dovuta skont il-Protokoll il-ġdid.
- (5) Matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim ta' estensjoni, l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jinħarġu skont il-Kapitolu II tal-Anness tal-Protokoll. Il-ħlas tat-tariffa minn qabel għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz għandu jikkorrispondi għal nofs it-tariffi stabbiliti fil-punt (3), is-sottopunt 3, (a) sa (c) tal-Kapitolu II tal-Anness għall-aħħar sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll, u jikkorrispondi għal nofs il-kwantitajiet rispettivi ta' tonn u speċijiet li jixbhu lit-tonn imsemmija fil-punt (3), is-sottopunt 3, (a) sa (c). It-tariffa tal-liċenzja applikabbli għall-bastimenti tal-provvista għandha tikkorrispondi għal nofs it-tariffa prevista fil-punt (4) tal-Kapitolu II tal-Anness, u konsegwentement għandha tammonta għal EUR 2 000.
- (6) L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġa skont dan il-Ftehim ta' estensjoni għandhom jibqgħu validi sa tmiem id-durata ta' din l-estensjoni.
- (7) Fir-rigward tar-rappurtar tal-qabdiet stabbiliti fil-Kapitolu III tal-Anness tal-Protokoll, l-Unjoni għandha tipprovdi lil Mauritius, qabel tmiem kull trimestru, id-data dwar il-qabdiet għal kull bastiment tal-Unjoni awtorizzat; Mauritius għandu jipprovdi, fuq bażi trimestrali, id-data dwar il-qabdiet tal-bastimenti tal-Unjoni awtorizzati miksuba permezz tal-ġurnali ta' abbord.
- (8) Għal kull tartarun tal-borża u konz tal-wiċċ, l-Unjoni għandha tibgħat dikjarazzjoni finali tat-tariffi dovuti mill-bastiment fir-rigward tal-attivitajiet tas-sajd tiegħu matul

il-perjodu ta' estensjoni lil Mauritius u lil sid il-bastiment rispettiv sa mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' estensjoni. Meta l-ammont fid-dikjarazzjoni finali jkun akbar mit-tariffa tal-ħlas minn qabel imsemmija fil-punt (5), sid il-bastiment għandu jħallas il-bilanċ pendenti, sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jirċievi d-dikjarazzjoni finali. Kwalunkwe ammont imħallas għat-tariffa tal-ħlas minn qabel li jaqbeż id-dikjarazzjoni finali ma għandux jiġi rimborżat. Fir-rigward tat-tfassil, il-proċedura li għandha tiġi segwita minn Mauritius mal-wasla u l-kontestazzjoni tad-dikjarazzjoni finali, il-punt (5) tal-Kapitolu III għandu japplika *mutatis mutandis*.

- (9) Fir-rigward tal-imbarkazzjoni tal-baħrin kif previst fil-Kapitolu VII tal-Anness tal-Protokoll, matul l-attivitàjiet tagħhom fl-ilmijiet ta' Mauritius, sitt baħrin ikkwalifikati minn Mauritius għandhom jimbarkaw fuq il-flotta tal-Unjoni.
- (10) Dan l-Iskambju ta' Ittri se japplika b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2022 jew minn kwalunkwe data oħra wara dik tal-iffirmar, sa ma jidħol fis-seħħ. Jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan.

Nitlobkom ġentilment tikkonfermaw li rċevejtu din l-ittra u li tikkonfermaw li r-Repubblika ta' Mauritius taqbel mat-termini tagħha.

Dejjem tiegħek,”

Nikkonfermalkom li l-kontenut tal-ittra tagħkom huwa aċċettabbli għar-Repubblika ta' Mauritius.

L-ittra tagħkom u din l-ittra jikkostitwixxu Ftehim f'konformità mal-proposta tagħkom.

Dejjem tiegħek,

Għar-Repubblika ta' Mauritius.